MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru. 574/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**LOURDES DEMICOLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Lourdes Demicoli ta’ 30 sena, bint Carmelo u Loreta nee’ Agius, mwielda Pieta’ nhar it- 30 ta’ Dicembru 1977, u residenti fil- fond 45, Mirage, Triq Santu Rokku, Mosta, detentrici ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 61278(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 6 ta' Marzu 2008, ghall- habta tas- 6.00pm, gewwa l- hanut bl- isem Benetton sitwat fil- kumpless Plaza, Triq Bisazza, Sliema

1) Ikkommettiet serq ta' nuccali tax- xemx liema valur ma jiskorriex il- mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu, u li sar a detriment ta' David Lauri minn tas- Sliema u/jew persuni ohra, liema serq kkwalifikat bil- persuna;

2) U aktar talli, fl- istess data, hin, lok u crikostanzi, approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, haga ta' haddiehor u cioe nuccali tax- xemx liema valur ma jiskorriex is- somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' David Lauri u/jew persuni ohra, liema oggett gie fdat jew ikkunsinnat lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputata, u zammet biss it-tieni imputazzjoni fil-konfront taghha;
Rat illi l-imputata, wara li nstemghu xi xhieda f' din il-kawza, ghazlet li tirregistra ammissjoni, wara li nghatat zmien xieraq mill-Qorti sabiex tikkunsidra sew din l-ammissjoni taghha;

**Ikkunsidrat:**

Peress illi f' din il-kawza l-imputata irregistrat ammissjoni, il-Qorti ser tghaddi minnufih ghas-sentenza u ghall-piena

idoneja, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz. Irrizulta mis-smigh tax-xhieda prodotti li l-imputata hadet xi nuccalijiet li kienu l-proprjeta' tal-hanut fejn kienet tahdem. Xi kollegi taghha indunaw b' dan u infurmaw lil tas-“security” biex issir tfittxija. Ghalkemm ghall-ewwel l-imputata baqghet tinnega li kienet hadet dawk l-oggetti, wara li nstemghu zewg xhieda tal-prosekuzzjoni l-imputata irregistrat ammissjoni. Il-Qorti tinnota f' din is-sentenza li kellha sahansitra tiehu proceduri kontra wiehed mix-xhieda, peress illi kienet cara u manifesta l-intenzjoni tieghu li ma jixhedx il-verita' that gurament quddiem din il-Qorti. Bl-ammissjoni tal-imputata, izda, il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tipprocedi ulterjorment kontra dak ix-xhud.

Kwantu ghall-piena, ghalkemm il-Qorti ma tarax li l-imputata jisthoqilha xi klemenza, madankollu tara li l-incident ma kienx wiehed ta' portata, izda jekk xejn ta' bluha u ta' immaturita' tal-imputata, minkejja l-eta' adulta taghha, u ghaldaqstant sejra tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il- Qorti tiddikjara li l-ewwel imputazzjoni giet irtirata, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni, u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------